21 ta' Mejju, 1956

Imħallfin;

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., L.L.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

George Portelli *versus* Nicola Galea

**Qorti ta' Għawdex — Appell — "Jus Preventionis" — Konflitt bejn Qorti u Oħra — Art. 795 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Jekk minn sentenza tal-Qorti ta' Għawdex fil-Ġurisdizzjoni Tagħha Superjuri jsiru żewġ appelli, wieħed minn parti l-waħda quddiem dik il-Qorti bħala Qorti tat-Tieni Istanza u l-ieħor mill-parti l-oħra quddiem il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u l-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina tordna li l-appell miġjub quddiemha jiġi mħolli "sine die" sakemm jinqata'*

*l-appell quddiem il-Qorti ta' Għawdex bħala Qorti tat-Tieni Istanza, ma hux floku u opportun il-provvediment tal-Qorti ta' l-Appell ta' Għawdex li bis-saħħa tiegħu dik il-Qorti, non ostante l-ordni tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, tħalli l-appell li għandha quddiemha "sine die"; għaliex (a) provvediment simili ma jistax ħlief ikollu l-effett li jiġi mwaqqaf il-kors tal-ġustizzja u li din tiġi denegata, (b) dak il-provvediment jimplika ordni lill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina li tirreċedi mid-differiment "sine die" ġa minnha ordnat u tipprosegwi t-trattazzjoni tal-kawża, u (c), jekk l-appell quddiem il-Qorti ta' Għawdex sar qabel dak li sar quddiem il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, jeħtieġ li jiġi osservat il-"Jus Preventionis". Jekk, imbagħad, quddiem il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, id-difensuri jkunu ddikjaraw li huma jaqblu li jiġi qabel xejn deċiż l-appell quddiem il-Qorti ta' Għawdex, dan il-ftehim bejn il-partijiet għandu importanza kbira.*

*L-ispirtu tal-liġi hu illi l-kawża għandha tipprosegwi quddiem il-Qorti l-ewwel adita; u f'materja ta' konflitt bejn Qorti u oħra, il-kriterju adottat mil-leġislazzjonijiet l-aktar akkredidati hu dak li l-inċident jiġi regolat mill-Qorti ta' grad superjuri. Għalhekk, ladarba l-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina hija organikament ta' grad superjuri għall-Qorti ta' Għawdex bħala Qorti tat-Tieni Istanza, hu għall-anqas deżiderabbli li dak il-provvediment tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina jiġi rispettat mill-Qorti ta' l-Appell ta' Għawdex, u mhux newtralizzat bi provvediment ieħor li l-effett tiegħu, sakemm ma jitneħħiex, ikun li tiġi mwaqqfa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja bi ħsara tal-kontendenti.*

Il-Qorti; Fuq l-inċident involut fir-rikors fol. 107;

Ikkunsidrat;

Mis-sentenza tal-prima istanza saru żewġ appelli, wieħed mill-attur quddiem il-Qorti ta' Għawdex bħala Qorti tat-Tieni Istanza fil-Ġurisdizzjoni Tagħha Superjuri, u l-ieħor mill-konvenut quddiem din il-Qorti (ara fol. 89 u 95 rispettivament);

B'ordni tagħha, verbalizzat fol. 103, din il-Qorti ddifferiet l-appell miġjub quddiemha "sine die", sakemm jinqata' l-appell quddiem il-Qorti ta' Għawdex;

Sussegwentement, il-Qorti ta' Għawdex, non ostante dan il-verbal, minnha kunsidrat, irrimettiet l-attijiet lil din il-Qorti u ħalliet l-appell quddiemha "sine die" (fol. 104, 104 tergo);

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti jidhrilha li l-Qorti ta' Għawdex ma kienx imissha tat dak il-provvediment, għal diversi raġunijiet; fosthom prinċipalment dawn: —

1. Meta tat dak l-ordni, il-Qorti ta' Għawdex kienet taf li dina l-Qorti kienet diġa' ddeċediet li l-appell quddiem din il-Qorti għandu jibqa' "sine die" sakemm jinqata' l-appell quddiem il-Qorti ta' Għawdex, u għalhekk kien inopportun li jingħata dak l-ordni, li l-effett tiegħu ma setgħax ħlief ikun li jiġi imwaqqaf il-kors tal-ġustizzja u li din tiġi denegata;

2. Il-grad differenti taż-żewġ Qrati — dik ta' Għawdex u din, kif hemm fl-art. 3 u 4 tal-Kap. 15 Ediz. Riv. — kien jirrendi inaċċettabbli provvediment bħal dak mogħti, li jimplika ordni lil din il-Qorti li tirreċedi mid-differiment "sine die" diġà minnha ordnat, u tipprosegwi t-trattazzjoni tal-appell;

3. L-appell quddiem il-Qorti ta' Għawdex sar "qabel" dak li sar quddiem din il-Qorti, u kwindi jeħtieġ li jiġi osservat il-"jus preventionis", li jirregola konflitti simili (ara analoġ. Merlin, Rep. di Gpza., voce "Lite"; u Carrè, Vol. II, paġ. 166, Quaest. 726);

4. Id-difensuri ddikjaraw quddiem din il-Qorti li jaqblu li jiġi qabel xejn deċiż l-appell quddiem il-Qorti ta' Għawdex, u dan il-ftehim tal-partijiet hu ta' importanza kbira (ara analoġ. 51 (2) (a) Kap. 15);

Għandu jiġi anki osservat li: —

(a) L-ispiritu tal-liġi hu li l-kawża għandha tipprosegwi quddiem il-Qorti l-ewwel adita (arg. art. 795 Kap. 15). F'dan il-każ, il-Qorti ta' Għawdex kienet l-ewwel investita bl-appell;

(b) F'din il-materja ta' konflitt simili, il-kriterju adottat mil-leġislazzjonijiet l-aktar akkreditati hu dak li l-inċident jiġi regolat minn Qorti ta' grad superjuri. Għal-

hekk, ladarba din il-Qorti, fi grad organiku superjuri, kienet ġa pprovdiet billi ħalliet il-kawża "sine die" sad-definizzjoni tal-appell quddiem il-Qorti ta' Għawdex, kien għall-anqas deżiderabbli li, kif dejjem sar sal-lum, dak il-provvediment jiġi rispettat, u mhux newtralizzat bi provvediment ieħor li l-effett tiegħu, sakemm ma *jitbiddelx*, sejjer ikun li tiġi mwaqqfa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja bi ħsara tal-kontendenti;

Għandu jiġi wkoll osservat illi r-raġunijiet imqegħedha għab-bażi tad-digriet tal-Qorti ta' Għawdex, fol. 104, ma humiex aċċettabbli; għar-raġunijiet li sejrin jingħadu. Bis-*sentenza appellata l-attur rebaħ parti mill-istanza u tilef* parti; u, konversament, il-konvenut rebaħ parti u tilef parti. Issa, bl-appell tiegħu quddiem il-Qorti ta' Għawdex, l-attur qiegħed jitlob li jirbaħ ukoll il-parti li tilef. Il-konvenut, bl-appell tiegħu quddiem din il-Qorti, għalkemm juża l-kelma "revoka" impropriament, in sostanza qiegħed jitlob li *jirbaħ* kollox, *fis-sens li l-attur jiġi mtellef anki* l-parti li rebaħ. Vwoldiri, verament kull appell jirrigwarda parti mill-istanza; dak tal-attur il-parti li hu tilef, u dak tal-konvenut il-parti li rebaħ l-attur. Issa, ebda wieħed ma għamel appell inċidentali quddiem il-Qorti li quddiemha qiegħed l-appell prinċipali; u dan anki għar-raġuni li, minflok l-appell inċidentali, *kull* wieħed għandu *l-appell prin*ċipali tiegħu relattiv għas-soġġett li, diversament, kien ikun materja tal-appell inċidentali. Minn dan jiġi li, bl-istess mod li, kieku kellha tieħu konjizzjoni tal-appell l-ewwel waħda din il-Qorti, kienet tista' biss tipprovvedi fuq dak li rebaħ l-attur in prima istanza, u li issa l-konvenut irid itelliflu, u *kien ikollha tagħmel riżerva, kwantu* għall-parti mitlufa mill-attur, u li dwarha l-konvenut naturalment ma appellax, għall-appell dwar dik il-parti mitlufa mill-attur, magħmul mill-attur quddiem il-Qorti ta' Għawdex, hekk ukoll, il-Qorti ta' Għawdex, meta tipprovvedi fuq l-appell tal-attur quddiemha dwar il-parti li tilef, indubbjament *tkun trid* tagħmel *riżerva*, dwar il-parti li rebaħ, minnu mhix appellata, għall-appell li minn dik il-parti għamel il-konvenut quddiem din il-Qorti. Għalhekk, ma hemmx

verament kwistjoni ta' assorbiment ta' deċiżjoni waħda f'oħra, u lanqas ta' konflitt; għax kull Qorti, f'dan il-każ eċċezzjonali ta' żewġ appelli konkorrenti, kull wieħed quddiem Qorti diversa, tiddeċidi biss il-parti appellata quddiemha, u jibqa' dejjem l-appell prinċipali, daqs kieku kien hemm appell inċidentali. Minflok bħala appell inċidentali, jiġi provvdut bħala appell prinċipali mill-Qorti li jinsab pendenti quddiema. Lanqas hemm possibbilità ta' konflitt; għax kull Qorti hi investita bl-appell tagħha, li trid tipprovdi fuqu bla preġudizzju għall-appell l-ieħor;

In sostanza, ġara' dan: quddiem il-Qorti ta' Għawdex hemm appell prinċipali fuq parti waħda tas-sentenza; fuq il-parti l-oħra hemm l-appell quddiem din il-Qorti; u viċeversa, hemm quddiem din il-Qorti appell fuq parti tas-sentenza, u quddiem il-Qorti ta' Għawdex hemm l-appell l-ieħor fuq il-parti l-oħra. Jiġi ripetut li, għalkemm fil-petizzjoni quddiem din il-Qorti ntalbet ir-revoka, din kienet lokuzzjoni improprja; għax il-konvenut ma setgħax ried jitlob ir-revoka tal-parti li fiha kien rebbieħ;

Għalhekk kull appell hu indipendenti mill-ieħor, u għandu jiġi provvdut "bla preġudizzju tal-appell l-ieħor";

Jibqa', kwindi, biex jiddetermina liema Qorti għandha timxi l-ewwel, "l-unika kriterju li baqa'" — dak tal-prevenzjoni; u l-Qorti l-ewwel investita hi dik ta' Għawdex;

Għalhekk tipprovvedi fuq l-inċident billi tikkonferma l-provvediment ġa minnha mogħti fis-sens li dan l-appell quddiem din il-Qorti jibqa' rinvijat "sine die" sakemm jiġi deċiż l-appell quddiem il-Qorti ta' Għawdex; salv li l-kontendenti jidhru quddiem dik il-Qorti, u, wara li jgħarrfuha b'dan il-provvediment tal-lum, jitolbu li jiġi trattat l-appell quddiem dik il-Qorti; prevju r-rikjam tal-attijiet tal-proċess minn din il-Qorti għal dik;

Spejjeż riżervati.